MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tas-27 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 999/2012

**Cartiera Lucchese Spa**

**vs**

**Cimaco Group Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur datat il-5 t'Ottubru, 2012, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti esponiet sintetikament is-segwenti:

1. Illi b'sentenza tat-*Tribunale di Lucca* datata s-6 t'Ottubru, 2011, fl-ismijiet "Cartiera Lucchese Spa vs Cimaco Group Limited", l-istess qorti kkundannat lill-imsemmija socjeta` ntimata biex thallas l-ammont ta' sebgha u ghoxrin elf, tmien mija u hamsa u disghin Ewro u centezmu, (€27,895.01), flimkien mal-interessi nvoluti sal-effettiv pagament, flimkien ukoll ma' l-ammont ta' elf,

sitt mija u tmienja u erbghin Ewro u hamsa u sebghin centezmu, (€1,648.75) ghall-ispejjez legali;

2. Illi bhala Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, ir-rikonoxximent, l-infurzar u l-esekuzzjoni ta' sentenza hemm moghtija f'materja civili u kummercjali, hi regolata mir-Regolament 44/2001 tar-Regolament tal-Kunsill Ewropew dwar tali gurisdizzjoni u esekuzzjoni li ghandhom effett dirett fi Stati Membri tal-istess Unjoni;

3. Illi konsegwentement, in vista tar-Regolament tal-Kunsill Ewropew fuq indikat, u ta' l-artikli legali l-ohra ndikati mill-istess socjeta` rikorrenti fl-imsemmi rikors promotur, is-socjeta` estera rikorrenti titlob lil din il-qorti:

i. Tiddikjara li s-sentenza tal-qorti Taljana fuq indikata datata s-6 t'Ottubru, 2011, hi ezegwibbli f'Malta *ai termini* tal-artikolu 38 tar-Regolament tal-Kunsill Ewropew Numru 44/2001, bil-fakoltajiet u drittijiet li l-ligi Maltija takkorda fir-rigward;

ii. Bl-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha esebiti, inkluz it-traduzzjoni appozita tas-sentenza in dizamina;

Ikkunsidrat:

Illi l-procedura odjerna hi wahda ntiza limitatament ghal dikjarazzjoni ta' ezegwibilita` ta' sentenza rilaxxata minn qorti ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fit-termini tar-Regolamenti u ligijiet fuq riferiti;

Illi kif ritenut mill-Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha tal-31 ta' Jannar, 2011, fl-ismijiet **Av. Hugh Peralta nomine vs ZET Limited**, din il-procedura hi wahda ta' natura partikolari fejn din:

" … ma ghandhiex tiehu sura ta' kawza fis-sens generali tal-kelma. Darba li l-ewwel qorti … tkun perswaza li ghall-materja japplika l-imsemmi Regolament numru 44/2001 u

mhux il-kaz ta’ decizjoni li ghaliha r-Regolament jeskludi l-applikazzjoni tieghu … hi trid tipprocedi li tiddekreta t-talba wara semplici ezami tad-dokumenti esebiti, minghajr il-htiega li tisma’ lid-debitur jew tara x’ghandu xi jghid fuq il-kaz …”;

Illi rizultat tas-suespost u tar-Regolament fuq indikat il-qorti ta’ l-iStat Membru tal-Unjoni msemmija giet effettivament ridotta ghal timbru biss ta’ ufficjalita` - haga li ghandha tistimula l-istmerrija ta’ min verament ghandu ghal qalbu istituzzjoni gudizzjarja verament pozittiva u ndipendenti, stante li tali ezercizzju jista’ attwalment b’aktar pratticita` u b’dispendju ta’ anqas finanzi, u li jigi ghalhekk minflok espletat mill-amministrazzjoni burokratika biex b’hekk ma jigix anke utilizzat hin inutili mill-qrati lokali li facilment jistghu jiddedikawh ghal kawzi gudizzjarji veru u proprju;

Illi konsegwentement din il-qorti m’ghandha l-ebda alternattiva hlief li, wara li gew stabbiliti r-rekwiziti statutorjament rikjesti kif fuq stabbilit:

1. Tiddikjara li s-sentenza tal-qorti Taljana fuq indikata datata s-6 t’Ottubru, 2011, hi ezegwibbli u enforzabbli f’Malta *ai termini* tal-artikolu 38 tar-Regolament tal-Kunsill Ewropew Numru 44/2001 bil-fakoltajiet u drittijiet li l-ligi Maltija takkorda fir-rigward;

2. Tikkundanna wkoll lis-socjeta` ntimata Cimaco Group Limited biex thallas l-ispejjez kollha, kemm dawk indikati espressament fir-rikors promotur ghall-ispejjez li jikkoncernaw il-procedura Taljana fuq riferita, flimkien ma’ l-interessi hemm riferiti kif ukoll ghall-ispejjez odjerni;

3. Illi konsegwentement, tordna wkoll li d-dikjarazzjoni ta’ ezekuzzjoni u enforzabilita` fuq imsemmija tigi servuta fuq is-socjeta` ntimata fuq indikata, flimkien ma’ l-atti l-ohra kollha relattivi.

________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------